MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 12/2008/1

**Enrietta Bianchi, Michael Sammut, Stephen Sammut, Nathalie u Joanna Debono**

**v.**

**1. L-Avukat Generali**
**2. Kummissarju tat-Taxxi Interni u**
**3. Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghall-Finanzi ghal kull interess li jista' jkollhom**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tar-rikorrenti appellanti minn sentenza moghtija fil-15 ta’ Marzu, 2010 mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha u li laqghet l-eccezzjonijiet tal-intimati bl-ispejjez bla taxxa.

Bir-rikors tieghu tat-28 ta’ Jannar 2008 ir-rikorrenti appellanti talbu lill-ewwel Onorabbli Qorti tiddikjara li l-agir tal-intimati jew min minnhom kif imsemmi fir-rikors taghhom jilledi d-drittijiet fundamentali tal-bniedem tar-rikorrenti kif protetti mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u minn Protokol Numru 1 u Artikolu 14 tal-Konvenzjoni dwar il-Harsien tad-Drittjiet Fundamentali tal-Bniedem rispettivament; u ghalhekk huwa l-kaz li l-Qorti tiddikjara li huma intitolati ghar-rifuzjoni kif imsemmi fir-rikors u/jew li taghti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi, inkluz li jigi dikjarat li l-mod kif inbidlet il-ligi dwar it-taxxa kapitali dwar proprjeta` mnissla minn wirt hija nulla u minghajr ebda effett sa fejn jirrigwarda l-fattispeci tal-kaz tar-rikorrenti.

Il-premessi fir-rikors promotorju tal-gudizzju li fuqhom ir-rikorrent appellant ibbaza t-talbiet tieghu huma s-segwenti:

“Illi r-rikorrenti wirtu lil missierhom in-Nutar Angelo Sammut li miet fis-27 ta' Marzu 2001, permezz ta' testment tal-4 ta’ Dicembru 1991 fl-Atti tan-Nutar Tabone Adami, flimkien ma' huthom ohrajn, u thallset it-taxxa tas-successjoni relattiva fuq l-imsemmi wirt permezz ta' dikjarazzjoni *causa mortis* fl-atti tan-Nutar Elizabeth Sciriha tal-25 ta’ Marzu 2002.

“Illi fil-mument li huma wirtu l-imsemmija proprjetà, f’kaz ta' trasferiment lil terzi l-*Capital Gains Tax* kienet ta’ 7%, mentri ma kien hemm ebda hlas ta' taxxa fuq it-trasferiment, liema mizura kienet giet introdotta permezz ta' tibdil fir-regim fiskali fl-1992.

“Illi r-regim fiskali rega’ nbidel fis-sena 2003 b'dana li giet introdotta taxxa kapitali ta’ 35% fuq trasferiment ta' proprjeta` gejja minn wirt, liema taxxa kienet retroattiva anke ghal dawn il-propjetajiet li ntirtu qabel l-introduzzjoni

taghha bhal ma huwa l-kaz tar-rikorrenti. Di fatti huma lahqu bieghu xi proprjeta` wara s-sena 2003 b'din it-taxxa kapitali ciononostante li wirtuha qabel l-introduzzjoni ta' din it-taxxa.

“Illi f’Novembru tas-sena 2005 ir-regim fiskali rega' gie emendat b'dana li t-taxxa fuq it-trasferiment ta' propjeta' gejja minn wirt tnizzlet b'mod radikali ghal 12%, allura inholqot l-anomalija li ghal dawk li kienu wirtu qabel is-sena 2003 u li pero' wara dik is-sena jkunu lahqu ghamlu konvenju jew kuntratti qabel l-1 ta' Novembru 2005, xorta kienu ser jigu akkollati bit-taxxa tat-trasferiment kapitali ta' 35% u mhux dak ta' 12%, u dan kif ser jigi ippruvat fil-kors ta' din il-kawza.

“Illi minn dan kollu ghandu jirrizulta li meta l-intimati jew min minnhom bidlu r-regim fiskali ghal wiehed li kien pezanti ta' 35% ta’ taxxa kapitali, din introducewha b'mod retro-attiv biex laqtit lil min, bhar-rikorrenti wiret proprjeta` qabel l-introduzzjoni ta' din it-taxxa, pero' ma lahqux bieghuha, ghax altrimenti kellhom taxxa kapitali favorevoli ta' 7% biss, filwaqt li meta din it-taxxa giet ridotta ghal wahda ta' 12% taxxa kapitali, ghal dawk li huma bhar-rikorrenti, li wirtu proprjeta qabel is-sena 2003, pero` bieghuha qabel l-1 ta’ Novembru 2005, ma saritx retroattivament favorevoli ghalihom.

“Illi r-rikorrenti kienu kostretti jhallsu t-taxxa lilhom mitluba sabiex jevitaw kumulu ta' imghaxijiet, izda tajjeb li jinghad illi l-hlas da parti taghhom sar minghajr ebda pregudizzju ghad-drittijiet lilhom spettanti fil-ligi.

“Illi l-agir tal-intimati jew min minnhom jilledi b'mod car u manifest id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti minn Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni Protokol Numru 1 tal-Konvenzjoni dwar il-Harsien tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem rispettivament;

“Illi l-agir tal-intimati jew min minnhom jilledi wkoll iddrittijiet tar-rikorrenti in kwantu t-trattament lilhom moghti jammonta ghal wiehed diskriminatorju fis-sens kif jitlob l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet Fundamentali

tal-Bniedem u allura tali agir huwa bi ksur tal-istess artikolu.

“Illi konsidrat dan kollu, apparti kull rimedju iehor li tista' taghti din il-Qorti, ir-rikorrenti jinsistu li bhala rimedju biex jigu rivendikati d-drittijiet fundamentali taghhom, huma intitolati ghar-rifuzjoni tad-differenza tat-taxxa kapitali li hallsu fuq it-trasferiment ta' propjeta' abbazi tal-ligi kif kienet tezisti fis-sena 2003 u cioè dik ta’ 35% taxxa kapitali, u dik ta’ 12% taxxa kapitali kif introdotta bil-ligi tal-2005 u senjatament ghall-proprjetà li lahqu bieghu kif ser jigi ippruvat fit- trattazzjoni ta' din il-kawza.”

Permezz ta’ risposta tal-4 ta’ Frar 2008 l-Avukat Generali u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi wiegbu billi talbu lill-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent. Huma immotivaw ir-risposta taghhom kif gej:

“Illi dan r-rikors gie notifikat lill-intimati, l-Avukat Generali nhar t-30 ta' Jannar 2008 filghaxija u lill-intimat is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi proprju llum u cioe` l-4 ta' Frar 2008;

“Illi minhabba f’hekk ma kienx possibbli li jsiru lkonsultazzjonijiet idoneji sabiex tigi intavolata risposta izjed elaborata ghal dan ir-rikors;

“Illi in vista ta' dan, l-intimati qeghdin min issa jirriservaw ddritt li jintavolaw risposta jew nota ta' osservazzjonjiet aktar ddetaljata li tittratta fid-dettal l-punti mqajma mirrikorrenti wara l-konsultazzjonijiet xierqa jkunu gew konkluzi u dan dejjem skont kif ordnati min din il-Qorti;

“Illi minghajr pregudizzju, ma jidhirx li r-rikorrenti ezawrixxew ir-rimedji legali ordinarji kollha a disposizzjoni taghhom qabel ma intavolaw dan r-rikors li mill-istess natura tieghu huwa ta' natura straordinarja, u minhabba f’hekk din il-Qorti fil-gurisdizzjoni premessa taghha m’ghandhiex tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dan r-rikors;

“Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tarrikorrenti kif kontenuti fir-rikors odjern huma infondati filfatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

“Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu, l-intimati jissottomettu li l-modalita` ta' kif issir taxxa u kif tingabar l-istess taxxa hija prerogativa assoluta tal-ezekuttiv u kull ma ghamel dan tal-ahhar fir-rigward tar-rikorrenti kien li applika l-Ligi tat-Taxxa kif kienet vigenti fiz-zmien meta fil-fatt t-taxxa li qed tigi lamentata da parti tar-rikorrenti, giet fil-fatt dovuta mill-istess rikorrenti;”

Min-naha tieghu l-intimat appellat l-iehor il-Kummissarju tat-Taxxi Interni fir-risposta tieghu tal-15 ta’ Frar 2008 talab li t-talbiet tar-rikorrent appellant jigu respinti bl-ispejjez kontra tieghu u mmotiva r-risposta tieghu kif gej:
“Illi, preliminarjament u minghajr pregudizzju, l-intimat, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li hu m'ghandux il-mansjoni bil-ligi li jillegizla fir-rigward ta' xi imposizzjoni o meno ta' xi taxxa;

“Illi fil-kaz odjern, kull ma ghamel l-intimat hu li mplimenta il-ligi li kienet vigenti fiz-zmien ta' meta saru il-kuntratti relattivi da parti mir-rikorrenti;

“Illi l-posizzjoni tal-intimat hija sempliciment ta' amministratur u ta' kollettur tat-taxxi li jkunu saru ligi tramite l-appozitu strument legislattiv u f’ebda punt ma jistal-intimat jinfluwenza il-modalita ta' kif tigi mposta listess taxxa;

“Illi fil-kaz tar-rikorrenti, l-intimat, kull ma ghamel hu li ikkollezzjona t-taxxa dovuta skont il-ligi u minhabba f’hekk b'ebda mod ma jistghu jitqiesu li b’xi mod wettaq xi att diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti;

“Illi l-intimat issottometta li fl-agir tieghu dejjem mexa blistess mod ma’ persuni ohra f’sitwazzjoni simili ghas-sitwazzjoni tar-rikorrenti u cahad bl-aktar mod qawwi li b'xi

mod ittratta lir-rikorrenti b'xi mod differenti li bih ittratta persuni ohra f'cirkostanzi simili;"

Din il-Qorti rat ukoll in-noti ta' osservazzjonijiet tar-rikorrent appellant (fol. 100) u tal-Avukat Generali (fol. 105) prezentati quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti u l-atti kollha tal-kawza;

**Is-sentenza appellata**

Fis-sentenza taghha appellata l-ewwel Qorti, wara li rriproduciet il-kontenut tar-rikors promotorju tal-gudizzju u tar-risposti fuq imsemmija u wara li ghamlet rassenja tal-provi prodotti quddiemha ghamlet ukoll diversi konsiderazzjonijiet li ser jigu hawn taht riprodotti ghall-ahjar intendiment ta' dan l-appell:
"Illi r-rikorrenti jsostnu li huma sofrew pregudizzju fir-rigward tat-taxxa tal-*Capital Gains*, billi sabu ruhhom f'sitwazzjoni li meta wirtu ma kien hemm l-ebda taxxa imposta fuq id-differenza tal-prezz tal-bejgh ghal sitwazzjoni fejn giet imposta fuqhom taxxa ta' 35% fuq id-differenza. Fil-fehma taghhom ukoll din hija *back dated*.

"Kuntrarjament, l-intimat isostni li l-Gvern ghandu lmansjoni fil-ligi sabiex ibiddel ligijiet kif jidhirlu hu sakemm ikollu l-kunsens fil-Parlament. Sostna li s-7% li hallsu rrikorrenti ma hija taxxa xejn izda *stamp duty*, cioe` boll fuq il-kuntratt ta' trasferiment, u li ghalhekk ir-rikorrenti li hallsu *Income Tax* u anqas *Capital Gains Tax* izda boll fuq id-dokumenti. Fl-2003 giet introdotta taxxa gdida u cioe` l-*Capital Gains Tax*, li ma ghandha x'taqsam xejn mal-boll fuq id-dokumenti. Dan fil-fehma tal-intimat Avukat Generali jwassal li l-argument tar-rikorrenti ma jistax ireggi minhabba li l-ligi li introduciet il-*Capital Gains Tax* kienet tkopri t-trasferimenti li saru wara d-data li fiha giet introdotta l-istess ligi.

"Ir-rikorrenti sostnew li l-element diskriminatorju huwa lampanti fil-fatt illi filwaqt illi meta l-legislatur impona ttaxxa ta' 35% l-istess taxxa ghamilha *back dated* sal-1992, meta nizzel l-istess rata ta' taxxa ghal 12%, u allura kienet aktar favorevoli ghat-*tax payer,* ma mexiex bl-istess mod u ma

ghamilhiex tapplika *back dated.* Ziedu li bil-mod kif gew introdotti t-tibdiliet flr-rata tat-taxxa tal-*Capital Gains* gew lezi d-drittijiet fundamentali taghhom fosthom id-dritt fundamentali ta' tgawdija ta' proprjeta`.

"Izda din il-Qorti ma taqbilx ma' dan ir-ragunar ghax lewwel nett il-Gvern tal-gurnata ghandu d-dritt li jirregola kull tip ta' taxxa, boll etc. Ghandu d-dritt li jgholli u jbaxxi r-rati ta' taxxi skont dak li fil-fehma tieghu huwa fl-interess tal-pajjiz. Din hi haga li grat ripetutament kemm f'Malta kif ukoll f'diversi pajjizi ohra fosthom dawk membri tal-EU. Gvern certament ma ghandux dritt li jadopera mizuri fiskali li jolqtu persuna wahda jew ftit nies izda min-naha l-ohra sakemm il-mizuri fiskali jkunu intizi b'mod generali l-Qrati ma ghandhom ebda poter ta' sindakabilita`. Hadd ma jiehu gost ihallas it-taxxi u certament hemm taxxi li jolqtu aktar sezzjoni tal-poplu minn ohra izda dan xorta wahda jaqgha fil-mansjonijiet tal-Gvern.

"Li gara fil-kaz in ezami hu li bl-emendi fil-ligi giet introdotta *Capital Gains Tax* ta' 35%. Ma sar xejn retrospettiv ghax fil-fatt din t-taxxa kienet tkopri biss it-trasferimenti ta' dik il-proprjeta` **wara** d-data meta fil-fatt giet *in vigore* l-istess ligi. Il-ligi titkellem fuq trasferimenti u ghalhekk ma kenitx retroattiva, fis-sens li kienet tapplika ghal dawk ittrasferimenti, ghalkemm kienet tapplika ghal proprjetajiet li kienu gejjin min wirt anke qabel dik id-data.

"Ir-rikorrenti trattaw ir-rikors mill-aspett ta' diskriminazzjoni, u irreferew ll-kawza fl-ismijiet **Wessels-Bergervoet vs The Netherlands** deciza mill-Qorti Ewropea fl-4 ta' Settembru, 2002 fejn jinghad:

"*The Court reiterates that the right under Article 14 not to be discriminated against in the enjoyment of the rights guaranteed under the Convention is violated when States treat differently persons in analogous situations without providing an objective and reasonable justification*"

"Dwar diskriminazzjoni jinghad li hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u

oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li f'sitwazzjonijiet analogi rcieva trattament differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu tal-istat li jiggustifika t-trattament differenti – ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali deciza fil-31 ta' Mejju, 1999 fl-ismijiet **Dr. Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru** fejn intqal:

"**1.** Hu llum pacifiku illi hemm diskriminazzjoni meta (1) kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjonijiet ugwali, (2) jigu trattati b'mod differenti (inkluz permezz ta' imposizzjoni ta' inkapacitajiet jew restrizzjonijiet jew l-ghoti ta' privileggi jew vantaggi), (3) meta ma jkunx hemm bazi objettiva u ragjonevoli ghal tali trattament differenti (tali bazi objettiva u ragjonevoli tigi nieqsa meta t-trattament differenti ikun attribwibbli ghal kollox jew principalment minhabba rrazza, il-post tal-origini, l-opinjonijiet politici eccetra talpersuni) jew; (4) jekk ma jkunx hemm rapport ragjonevoli ta' proporzjonalita' bejn il-mezzi impjegati u l-iskop vizwalizzat. (Ara "**Il-Pulizija -vs- Dottor Joseph Muscat**" - Prim'Awla Sede Kostituzzjonali - 28 ta' Lulju, 1989, "**Avukat Dottor Tonio Borg noe -vs- Ministru tal-Affarijiet Barranin u Kultura et**" - Prim'Awla Sede Kostituzzjonali - 2 ta' Mejju, 1984, "**Carmel Caccopardo -vs- Ministru tax-Xoghlijiet et**" - Qorti Kostituzzjonali - 20 ta' Frar, 1987 u bosta ohrajn)."

"Ara wkoll "*Law of the European Convention on Human Rights*" - Harris Boyle and Warbrick pag 462 et, u "*Law and Practice of the European Convention on Human Rights*" - Gomien Harris, *and* Zwack *page* 345 et].

"Fil-kawza fl-ismijiet **L-Avukat Tonio Borg et vs Ministru tal-Affarijiet Barranin**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-17/02/88 (Vol. LXII-I-II-9) insibu:

"Fil-mertu l-Qorti sabet li kien hemm diskriminazzjoni ghad-dannu tar-rikorrenti billi dawn ma kienux inghataw permess jaghmlu l-wirja suggerita meta entitajiet politici

ohra nghataw tali permess. Inoltre rrizulta li ma kienx hemm gustifikazzjoni fil-fatti ghal cahda ta' tali permess.”

“Ukoll, fil-kawza **Charles Spiteri vs Ministru tal-Bini Pubbliku u Xogholijiet**, deciza fil 5 ta’ Ottubru 1988 (Vol. LXXII-I-II-71) ir-rikorrent kien Ghawdxi impjegat mal-*Public Works*; minn zmien twil l-impjegati tal-Gvern Ghawdxin kellhom koncessjoni li nhar ta' Gimgha jitilqu ftit qabel l-ohrajn minn fuq ix-xoghol u nhar ta' Tnejn jidhlu ftit tard. Wara li ttiehdet azzjoni industrijali mill-impjegati tal-Gvern, lill-impjegati Ghawdxin li obdew id-direttiva ta' l*unions* giet revokata lilhom din il-koncessjoni. Wara jumejn l-istess koncessjoni regghet giet moghtija lil dawn l-impjegati ad eskluzjoni tar-rikorrent li kien il-President ta' wahda mill-*unions* li hadu azzjoni industrijali. Il-Qorti rriteniet li dan kien jammonta ghal ksur tal-artikolu 42 (1) u 45 (2) tal-Kostituzzjoni fil-konfront tar-rikorrent, u cioe` ksur tad-dritt tieghu tal-liberta` ta' assocjazzjoni u ta' protezzjoni minn diskriminazzjoni. It-tnehhija talkoncessjoni fuq imsemmija fil-konfront tar-rikorrent kienet tfixklu fit-tgawdija tad-dritt tieghu ta' liberta` ta' assocjazzoni. Il-kelma "tfixkel" uzata mil-ligi ghandha fiha nfisha sens ampju u mhux ristrett.

“Fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Debono Grech vs Albert Mizzi et noe**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta’ Frar 1999 (Vol. LXXXIII-I-1) intqal:

““Mhux kull trattament different jarreka vantagg anke b'movent politiku jikkostitwixxi agir diskriminatorju li jammonta ghall-ksur ta' drittijiet fondamentali. Ilkonsiderazzjonijiet tal-Qorti jehtiegilhom ikunu arginati fid-definizzjoni ta' dak il-paragun li hu meqjus li jikkostitwixxi diskriminazzjoni ghall-fini tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea. Ghandhom ukoll jigu skartati konsiderazzjonijiet ta' dritt li kienu jemanu minn ligijiet ohra, bhal dawk li jirregolaw il-kuntratt ta' impieg adegwat ghall-ilment tar-rikorrent, b'mod partikolari fir-rigward ta' lallegazzjoni li hu kien gie mkecci ingustament mill-post tax-xoghol tieghu.

"Il-kostituzzjoni mhux biss tiddetermina b'mod tassattiv ilgrounds ta' diskriminazzjoni imma wkoll tesigi li jkun jirrizulta dan l-element ta distinzjoni posittiva, materjali u attwali, fit-trattament bejn persuna tal-istess deskrizzjoni. Il-pozizzjoni taht il-Konvenzjoni Ewropeja hija differenti fissens li ma hemmx ghalfejn issir il-prova tal-motivazzjoni politika tad-diskriminazzjoni."

"Issa dan ma jistax jitqies li hu applikabbli ghall-kaz odjern, sempliciment li f'ebda punt ma irrizulta li l-legislatur mexa b'mod diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti. Irrizulta li llegislatur ghamel ligi, izda li b'ebda mod ma kienet diskriminatorja fuq xi individwi partikolari, inkluz irrikorrenti. Wiehed irid izomm f'mohhu dejjem li jkun hemm ligijiet li jolqtu aktar kategorija minn ohra, bhal ma hu l-kaz tal-*income tax bracket*, *capital gains*, *land tax*, izda dan ma jwassalx ghall-konkluzjoni li jkun hemm diskriminazzjoni. Fil-kaz odjern ir-rikorrenti ma rnexxielhomx jaslu ghall-prova li kien hemm xi diskriminazzjoni fil-konfront taghhom."

Wara dawn il-konsiderazzjonijiet l-ewwel Qorti permezz tas-sentenza appellata ddecidiet il-kawza billi laqghet l-eccezzjonijet tal-intimati appellati bl-ispejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**L-appell tar-rikorrenti appellanti**

Ir-rikorrenti appellanti hassewhom aggravati bis-sentenza surriferita tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta' Marzu 2010 u interponew dan l-appell minnha permezz ta' rikors tal-5 ta' April 2010 fejn talbu li din il-Qorti thassar u tirrevoka is-sentenza appellata tal-15 ta' Marzu 2010 billi tilqa' t-talbiet tal-appellanti bl-ispejjez kontra l-intimati.

L-aggravji tal-appellant huma in succint is-segwenti:

1. l-ewwel Qorti ma elaboratx dwar il-ksur tad-dritt fundamentali ghall-proprjeta` kif imhares mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u minn Protokoll Numru 1 tal-Konvenzjoni dwar il-Harsien tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem rispettivament waqt li l-appellanti jsostnu li l-flus li huma

kellhom johorgu f’taxxa jaqghu taht id-definizzjoni ta’ proprjeta` skont l-istess artikolu u li bil-fatt li l-ligi skont l-appellant inbidlet ripetutament wassal ghal vjolazzjoni tal-principju tac-certezza tal-ligi b’relazzjoni mad-dritt ghat-tgawdija tal-proprjeta`;

2. bil-fatt li skont l-appellanti huma gew zvantaggjati meta l-ligi li imponiet it-taxxa ta’ 35% giet *back dated* u ma gew b’ebda mod agevolati meta t-taxxa tnaqqset ghal 12% peress li din ma gietx *back dated* saret diskriminazzjoni kontra taghhom fil-konfront ta’ min wiret proprjeta` fl-istess zmien tal-appellanti izda bieghu il-proprjeta` li wirtu fi zmien differenti mill-appellanti u b’hekk skont l-appellanti persuni f’sitwazzjonijiet simili gew trattati b’mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva.

**Ir-risposta tal-intimati appellati**

L-appellat Avukat Generali wiegeb ghar-rikors tal-appell billi, filwaqt li rrileva li r-rata ta’ 7% allegatament taxxa fuq immobbli ma kienet taxxa xejn izda *stamp duty* u cioe` boll fuq il-kutratt ta’ trasferiment, insista li l-Gvern kellu l-mansjoni u d-dritt u dover bhala l-gwardjan tal-gid komuni li, fil-parametri permessi, ibiddel il-ligijiet kollha skont kif jidhirlu bil-kunsens tal-Parlament, u li ma kien hemm ebda tibdil legislattiv retrospettiv fl-impozizzjoni tal-*capital gains tax* peress li din giet imposta fuq it-trasferiment kollha indistintament li saru wara d-data li fiha giet introdotta l-ligi relevanti. Ghalhekk l-appellant Avukat Generali talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata u tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghall-Finanzi ma wegbux ghar-rikors tal-appell.

**Fatti tal-kawza**

Ghalkemm fis-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti hemm riassunt tal-provi li saru tul il-process li minnhom jirrizultaw ampjament il-fatti ta’ din il-kawza u li ghalhekk ma hemmx

htiega li jigu ripetuti hawnhekk din il-Qorti ser tillimita ruhha ghas-segwenti rendikont tal-fatti saljenti li rrizultaw.

Sal-24 ta’ Novembru 2003 proprjeta` provenjenti minn wirt u li giet tasferita qabel dik id-data ma kienetx suggetta ghal taxxa fuq id-dhul. Fil-25 ta’ Novembru 2003 proprjeta` provenjenti minn wirt u li tigi trasferita minn dik id-data ’l quddiem giet suggetta ghal taxxa fuq qliegh kapitali bl-oghla rata tkun ta’ 35% anki jekk il-provenjenza tal-proprjeta` trasferita mill-25 ta’ Novembru 2003 ’l quddiem kienet wirt li sehh qabel dik id-data.

L-appellanti wirtu lil missierhom fis-27 ta’ Marzu 2001 u hallsu t-taxxa tas-successjoni permezz ta’ dikjarazzjoni *causa mortis* fl-atti tan-Nutar Elizabeth Sciriha tal-25 ta’ Marzu 2002. Fil-31 ta’ Ottubru 2005 l-appellanti bieghu art li kienet ipprovenjiet lilhom mill-wirt ta’ missierhom u ghalhekk kienu suggetti ghar-rata ta’ taxxa fuq dhul kapitali kif stabbilit b’effett mill-25 ta’ Novembru 2003 u fuqha hallsu taxxa fuq id-dhul kapitali bir-rata ta’ 35% skont il-ligi kif kienet fid-data in kwistjoni u cioe` fil-31 ta’ Ottubru 2005.

Fil-ligi li biha gie introdott ir-regime tat-taxxa fuq dhul kapitali b’effett mill-25 ta’ Novembru 2003 saru wkoll dispozizzjonijiet tranzitorji biex jirregolaw certi sitwazzjonijet partikolari taht certi kundizzjonijiet applikabbli. It-trasferiment *de quo* f’dawn il-proceduri, izda, ma kienx jaqa’ biex jigi regolat mid-dispozizzjonjijet tranzitorji msemmija peress li ma kienx jaqa’ fost is-stiwazzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet tranzitorji.

Gara li dakinhar li sar il-kuntratt in kwistjoni u cioe` fil-31 ta’ Ottubru 2005 gie mhabbar li r-regime fiskali u t-taxxa applikabbli ghal trasferimenti li jsiru mill-1 ta’ Novembru 2005 ’l quddiem kien ha jinbidel u t-taxxa saret ta’ 12% fuq id-differenza bejn l-oghla mill-konsiderazzjoni u l-valur fis-suq nieqes l-ispiza inkorsa ghall-akkwist.

L-appellanti jsostnu li r-regime fiskali applikabbli ghal trasferimenti li jsiru sal-24 ta’ Novembru 2003 u r-regime fiskali applikabbli ghal trasferimenti li jsiru mill-1 ta’

Novembru 2005 ’l quddiem kienu aktar vantaggjuzi mir-regime fiskali applikabbli ghal trasferimenti li jsiru mill-25 ta’ Novembru 2003 sal-31 ta’ Ottubru 2005. Billi t-trasferiment li ghamlu huma sar fil-31 ta’ Ottubru 2005 dan kien jaqa’ taht ir-regime intermedjaru inqas vantaggjuz bil-konsegwenza li kellhom ihallsu taxxa aktar gholja. Huma jsostnu li b’hekk gie vjolat id-dritt taghhom ghat-tgawdija tal-proprjeta` taghhom, liema proprjeta` kienet tikkonsisti fl-ammont ta’ flus akbar li kellhom ihallsu bhala taxxa. Isostnu li saret ukoll diskriminazzjoni kontra taghhom ghaliex ma gawdiex mir-regime fiskali aktar vantaggjuz li minnu gawdew dawk li ghamlu t-trasferiment qabel il-25 ta’ Novembru 2003 u dawk li t-trasferiment ghamluh wara l-31 ta’ Ottubru 2005.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

Fl-ewwel aggravju taghhom l-appellanti jilmentaw mill-fatt li l-ewwel Qorti ma dahlitx biex tezamina kienx hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni. F’dan ir-rigward l-appellanti ghandhom ragun peress li l-Qorti jidher li fehmet li l-appellanti kienu qieghdin jallegaw biss diskriminazzjoni a bazi tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ghalkemm abbinat mal-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 u mhux ukoll vjolazzjoni awtonoma tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni. Jista’ jkun li l-ewwel Qorti giet zvijata bil-mod kif inhi formulata t-talba fi tmiem ir-rikors promotorju tar-rikorrenti appellanti izda mill-premessi fir-rikors ma jidhirx li ghandu jkun hemm dubbju li kien qieghed jigi allegat vjolazzjoni anki tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni indipendentement mill-allegazzjoni ta’ diskriminazzjoni msejjsa fuq l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni mehuda flimkien mal-istess Artikolu 1 tal-Protokoll 1. Di fatti fis-seba’ paragrafu tar-rikors jinghad li:

“Illi l-agir tal-intimati jew min minnhom jilledi b’mod car u manifest id-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif protetti minn Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni Protokoll Numru 1 tal-Konvenzjoni dwar il-Harsien tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem”

fejn l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jittratta mid-dritt ghal protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjeta` bla kumpens u l-Protokoll Numru 1, fl-Artikolu 1 tieghu, jitratta dwar id-dritt ta' persuna ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Ma hemm ebda alluzjoni ghal xi diskriminazzjoni fil-premessa f'dan.

L-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni tinsab biss fil-paragrafu sussegwenti tar-rikors promotorju fejn ir-rikorrent kompla jippremetti:

"Illi l-agir tal-intimati jew minn minnhom jilledi wkoll id-drittijiet tal-esponenti in kwantu it-trattament lilhom moghti jammonta ghal wiehed diskriminatorju fis-sens kif jitlob l-artiklou 14 tal-Kovenzjoni dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u allura tali agir huwa bi ksur tal-istess artikolu." (sottolinear ta' din il-Qorti).

Mill-premess jirrizulta car li r-rikorrenti appellanti kienu qed jallegaw ukoll li kien hemm diskriminazzjoni skont l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni apparti vjolazzjoni awtonoma tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni.

Din il-Qorti, ghalhekk, ser tezamina fl-ewwel lok jekk kienx hemm xi vjolazzjoni tal-Artikoli 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

**Allegat ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni**

L-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, fil-partijiet tieghu relevanti ghall-proceduri odjerni, jipprovdi kif gej:

"**37.** (1) Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub b'mod obbligatorju, hlief meta hemm disposizzjoni ta' ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta' pussess jew akkwist –

"(*a*) ghall-hlas ta' kumpens xieraq;

"(*b*) li tizgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' access lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi sabiex jigi deciz l-interess taghha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li ghalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb hlas ta' dak il-kumpens; u

"(*c*) li tizgura lil kull parti fi proceduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bhal dik dritt ta' appell middecizjoni taghha lill-Qorti tal-Appell f'Malta:

"Izda f'kazijiet specjali l-Parlament jista', jekk hekk jidhirlu xieraq li jaghmel fl-interess nazzjonali, b'ligi jistabbilixxi l-kriterji li ghandhom jitharsu, maghduda l-fatturi u c-cirkostanzi l-ohra li ghandhom jitqiesu, biex jigi stabbilit il-kumpens li ghandu jithallas dwar proprjetà li jittiehed pussess taghha jew li tigi akkwistata b'mod obbligatorju; u f 'kull kaz bhal dak il-kumpens ghandu jigi iffissat u ghandu jithallas skont hekk.

"(2) Ebda haga f'dan l-artikolu ma ghandha tiftiehem li tolqot l-eghmil jew hdim ta' xi ligi safejn tipprovdi ghat-tehid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà -

"(*a*) bi hlas ta' xi taxxa, rata jew drittijiet;"

Illi l-appellanti jsostnu li gie lez l-artikolu imsemmi meta ttehdilhom il-pussess tal-flus li kellhom johorgu f'taxxa. Mill-premessi stess fir-rikors promotorju tal-appellanti, izda, jirrizulta li kull tehid li seta' kien hemm ta' tali flus sar fl-implimentazzjoni ta' ligi li tipprovdi ghal dak it-tehid bi hlas ta' taxxa.  L-appellanti, di fatti, ma jikkontestawx li l-ammont li huma hallsu kien verament dovut bhala taxxa in forza tal-ligi.  Dak li jsostnu l-appellanti huwa li saret diskriminazzjoni fil-konfront taghhom ghaliex huma ma setghux igawdu mill-vantaggi li minnhom gawda haddiehor taht regimi fiskali li ma kienux applikabbli ghat-trasferimenti li ghamlu l-appellanti.  Skont il-Kostituzzjoni, izda, kwistjonijet ta' diskriminazzjoni jigu indirizzati taht l-Artikolu 45 taghha u l-appellanti qatt ma allegaw xi vjolazzjoni ta' dan l-artikolu forsi anki ghaliex ma setghu jindikaw ebda wahda mir-ragunijiet biex jista' jinghad li

kien hemm diskriminazzjoni skont kif jipprovdi s-subartikolu (3) tal-istess artikolu u cioe` li kien hemm diskriminazzjoni fuq bazi ta' "ir-razza, post ta' origini, opinjonijiet politici, kulur, fidi jew sess". Ghalhekk, in vista tal-fatt li l-appellanti qatt ma taw ebda hjiel ta' xi raguni ghaliex l-obbligazzjoni li jhallsu l-ammont in kwistjoni bi hlas ta' taxxa ma hix eskluza mill-applikabilita` tal-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni b'effett tas-subartikolu (2)(a), din il-Qorti ma tistax hlief tikkonkludi illi l-eghmil li bih l-appellanti gew obbligati jhallsu l-ammont ta' taxxa in kwistjoni u t-thaddim tal-ligi relattiva ma hux milqut mill-artikolu in kwistjoni. Ghaldaqstant din il-Qorti tikkonkludi, anki ghar-ragunijiet li ser jissemmew meta tigi ezaminata l-allegazzjoni l-ohra ta' ksur tal-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, li ma kien hemm ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

**Allegat ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni**

**Applikabilita` tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni**

L-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprovdi kif gej:

"ARTIKOLU 1

"Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.

"Izda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjetà skont l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni."

Ma jidhirx li jista' jkun hemm dubbju li l-obbligazzjoni imposta fuq l-appellanti sabiex ihallsu l-ammont in

kwistjoni f'taxxa tammonta ghal interferenza fid-drittijiet patrimonjali tal-appellanti liema interferenza tista' tkun gustifikata a tenur tal-eccezzjonijet previsti fil-proviso tal-Artikolu 1 fuq imsemmi[1]. Ghalhekk, l-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni hu applikabbli ghall-kaz.

## Gustifikazzjoni tal-interferenza

Ma hemmx dubbju wkoll li l-ammont imhallas mill-appellanti gie hekk imhallas bhala taxxa skont il-ligi u l-appellanti ma jikkontestawx li l-istess ammont kien intierament dovut bhala taxxa skont il-ligijiet vigenti fi zmien il-hlas. Ghalhekk, il-hlas tal-ammont in kwistjoni jaqa' biex jigi kunsidrat taht it-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 imsemmi u jekk jirrizulta li dak il-hlas jinkwadra f'wiehed mill-ipotezijiet kontemplati f'dak il-paragrafu u huwa ghalhekk gustifikat skont l-istess Artikolu ma jkunx jista' jigi ravvizat ksur tal-artikolu msemmi. Ghaldaqstant, huwa opportun li din il-Qorti l-ewwel tezamina jekk l-interferenza konsistenti fl-impozizzjoni tat-taxxa in kwistjoni hix gustifikata skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 imsemmi qabel tghaddi biex tikkunsidra, jekk ikun il-kaz, jekk il-htigijiet tal-ewwel paragrafu tal-istess artikolu humiex sodisfatti f'dan il-kaz.

Kif inghad, ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li l-ammont imhallas mill-appellanti kien interament dovut bhala taxxa skont il-ligijiet fiskali vigenti fiz-zmien relevanti. Biex l-impozizzjoni ta' taxxa tkun gustifikata skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 fuq imsemmi, izda, hu mehtieg li t-taxxa imposta ma timponix piz eccessiv fuq il-persuna intaxxata jew tinterferixxi fondamentalment fis-sitwazzjoni finanzjarja taghha[2] ghaliex altrimenti dik l-imposta tirrientra fil-qasam tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 u jkun mehtieg li tigi ezaminata ghall-konformita` o meno ma' dak il-paragrafu.

---

[1] Ara Dec. Adm. Com. Appl. No. 13013/87 Wasa Liv Omsesidigt, Forsakringsblaget Valands Pensionsstiftelse and a group of approximately 15,000 individuals v. Sweden, 14/12/1988, The Law #1; Dec. Adm. Com. Appl. No. 15117/89 Travers and 27 others v. Italy, Kummissjoni, 16/01/1995, The Law #4;

[2] Ara Dec. Adm. Com. Appl. No. 13013/87 Wasa Liv Omsesidigt, Forsakringsblaget Valands Pensionsstiftelse and a group of approximately 15,000 individuals v Sweden, 14/12/1988, The Law #1;

Necessarjamet, tenut kont tal-materja sotto ezami, l-iStat ghandu latitudini pjuttost wiesgha fl-ezercizzju tad-dritt sovran tieghu li jiddeciedi meta, kif u f'liema dimensjoni ghandu jimponi taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra meta jitqiesu r-realtajiet politici, ekonomici u socjali fil-pajjiz minn zmien ghal zmien u sabiex jaghmel l-aggustamenti necessarja fil-legislazzjoni relevanti kif jidhirlu gust u xieraq. Dawn huma mizuri ceratment ghal skop pubbliku u fl-interess generali.

F'dan il-kaz gara li b'emendi fil-ligi giet introdotta *Capital Gains Tax* ta' massimu ta' 35%. Ma hux minnu, kif jallegaw l-appellanti, li kien hemm xi element ta' retrospettivita` fl-emendi introdotti ghaliex din it-taxxa kienet imponibbli fuq il-qliegh minn trasferimenti li jsiru wara d-data li fiha bdew isehhu l-emendi in kwistjoni. It-taxxa imsemmija kienet imponibbli u giet imposta fuq l-appellanti <u>fuq il-qliegh</u> taghhom mit-trasferimenti partikolari li ghazlu li jaghmlu. F'dawn ic-cirkostanzi ma jirrizultax li bit-taxxa msemmija gie milqut id-dritt ta' proprjeta` tal-assi tal-appellanti jew li kien hemm dik l-interferenza fis-sitwazzjoni finanzjarja taghhom b'mod li din tista' titqies bhala sproporzjonata u li timmina sostanzjalment il-qaghda finanzjarja tar-rikorrenti jew li tammonta ghal abbuz mill-iStat tad-dritt tieghu li jimponi taxxi skont l-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

Dan apparti li l-fatt l-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ma jipprojbix in kwantu tali applikazzoni retrospettiva ta' ligi fiskali[3].

Ghaldaqstant il-mizura in kwistjoni hi gustifikata skont il-proviso tal-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u ghalhekk ma hemm ebda ksur tal-istess Artikolu.

Wara li l-appell kien gia` differit ghas-sentenza l-appellanti ghamlu riferenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' Strasburgu fil-kaz **Belmonte v. Italy**, tas-16 ta' Marzu 2010 fejn dik il-Qorti kienet sabet vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-ewwel

[3] Kaz De Belmonte v. Italy, ECHR 16 Marzu 2010 § 42

Protokoll tal-Konvenzjoni. Il-fatti speci ta' dak il-kaz, izda, ma jaghmlu xejn ghall-kaz ta' llum. F'dak il-kaz si trattava ta' esproprjazzjoni ta' art u n-nuqqas tal-awtoritajiet kompetenti li jhallsu puntwalment lill-proprjetarju il-kumpens dovut u likwidat b'mod finali gudizzjarjament. Dan in-nuqqas tal-awtoritajiet wassal sabiex f'dak il-kaz effettivament il-proprjetarju tal-art jircievi kumpens anqas minn dak il-kumpens stabbilit mill-Qrati bhala dak gust meta ma kienx suggett ghal ebda imposti fiskali u li kien jircievi integralment bla tnaqqis li kieku l-pagament tal-kumpens sar fil-hin. Ma hawn xejn minn dan fil-kaz li ghandha quddiema din il-Qorti.

**Allegat ksur tal-Artikolu 14 meta abbinat mal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni**

Ghalkemm din il-Qorti ghadha kemm waslet ghall-konkluzjoni li ma kien hemm ebda ksur tal-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni dan ma jfissirx li ma jistax ikun hemm ksur tal-Artikolu 14 meta abbinat mal-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll purche` l-kaz ikun jaqa' fl-ambitu tal-Artikolu 1 tal-Protokoll imsemmi.[4]

L-impozizzjoni ta' taxxi fil-principju taqa' fil-qasam tad-dritt garantit bl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u tista' tkun gustifikata skont it-tieni paragrafu tal-istess artikolu u ghalhekk l-Artikolu 14 huwa applikabbli ghal dan il-kaz[5].

Fl-ewwel lok, izda, din il-Qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi tal-kaz odjern ma qed tigi allegata ebda diskriminazzjoni ghal xi mottiv ta' status kif rikjest sabiex ikun hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Mhux kull trattament divers iwassal ghal diskriminazzjoni skont l-Artikolu 14 imsemmi izda biex tigi ravvizata tali diskriminazzjoni dak it-trattament divers irid ikun motivat minn wiehed mill-istatus elenkati f'dak l-artikolu jew fuq xi

---

[4] Ara *inter alia* ECHR Grand Chamber Appl. 13378/05 Kaz Burden v. United Kingdom, 20 April 2008 # 58; ECHR Grand Chamber Appl. 55707/00 Kaz Andrejeva v. Latvia, 18 February 2009 # 74.

[5] Kaz Burden v. The United Kingdom: ECHR 20 April 2008 #59; Kaz Di Belmonte v. Italy: ECHR 16 March 2010 # 38.

generu ta' status iehor[6]. Huwa minnu li wiehed mill-istatus li jaghti lok ghal diskriminazzoni in vjolazzjoni tal-Artikolu 14 imsemmi hu dak ta' "proprjeta`" izda fil-kaz odjern, ghalkemm si tratta ta' taxxa fuq trasferiment ta' proprjeta`, hija d-data tat-trasferiment tal-proprjeta` li hi l-mottiv tat-trattament divers u mhux il-proprjeta` bhala status, in kwantu karatteristika personali, tal-appellanti.

Inoltre, jkun hemm diskriminazzjoni meta jigu trattati diversament, minghajr gustifikazzjoni oggettiva u ragjonevoli, persuni f'sitwazzjonijiet simili[7]. L-appellanti jilmentaw li gew trattati diversament minn persuni li ttrasferew il-proprjeta` taghhom mill-1 ta' Novembru 2005 'l quddiem ghaliex b'effett minn dakinhar ir-regime legislattiv inbidel u sar anqas gravuz. Izda l-persuni li ttrasferew il-proprjeta` taghhom mill-1 ta' Novembru 2005 'l quddiem ma jistax jinghad li kienu f'sitwazzjoni simili ghal dik tal-appellanti li ttasferew il-proprjeta` taghhom f'data qabel u di piu` meta r-regime fiskali legalment operanti kien divers. L-applikanti huma konsapevoli ta' dan il-fatt distintiv determinanti tant li f'tentattiv biex joholqu zewg sitwazzjonijet simili jallegaw li r-regime fiskali li gie in vigore fl-1 ta' Novembru 2005 kien retroattiv ghal proprjeta` provenjenti minn wirt qabel dik id-data bhal ma kienet il-proprjeta` taghhom. Izda jirrizulta li dan ma kien il-kaz xejn ghaliex it-taxxa imponibbli ma kienetx fl-okkazzjoni <u>tal-akkwist</u> b'wirt izda fl-okkazzjoni <u>tat-trasferiment</u> tal-proprjeta` akkwistata (b'wirt jew xort'ohra) u kienet imponibbli <u>ghat-trasferimenti</u> kollha li jsiru mid-data li gie in vigore r-regime fiskali 'l quddiem. Ghalhekk, l-emendi legislattivi relattivi kienu ghal kollox prospettivi u mhux retrospettivi.

L-appellanti imbaghad ikomplu jkattru l-konfuzjoni billi jaccennaw ghal dik li jirreferu ghaliha bhala *capital gains tax* ta' 7% li ma kienet *capital gains tax* xejn izda kienet *stamp duty* fuq il-kuntratt relattiv u dan meta ma kien

---

[6] Ara Kaz Kjeldsen, Busk Madsen u Pedersen v. Denmark, ECHR 6 Dicembru 1976 § 56; Kaz Carson u Ohrajn v. UK § 61, ECHR Grand Chamber, 16 Marzu 2010

[7] Ara *inter alia* QKost Vassallo et v. Kummissarju tal-Pulizija, 16 Awwissu 1976, QKost Dr. Victor Sultana v. Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru 31 Mejju 1999, ECHR Spadea u Scalabrino v. Italy, 28 ta' Settembru 1995

hemm ebda *capital gains tax* imponibbli fuq trasferimenti dak iz-zmien. Ghalhekk it-tentattiv da parti tal-appellant biex jeskogitaw xi tip ta' trattament divers u sproporzon billi jikkomparaw ir-rata ta' 7% taxxa tal-boll (li huma jsejhu erronjament taxxa kapitali) u li kienet applikabbli meta ebda taxxa kapitali ma kienet tezisti, mat-taxxa kapitali ta' 35%, irid necessarjament ifalli ghaliex qeghdin jaghmlu komparazzjoni bejn zewg hwejjeg totalment differenti: wahda (is-7%) kienet imposta bhala boll fuq il-kuntratt ta' dikjarazzoni ta' assi derivanti minn wirt u cioe` *causa mortis* a bazi tal-valur shih tal-assi li ntiret waqt li l-ohra (ta' 35%) hija taxxa pagabbli fuq il-qliegh maghmul fuq it-trasferiment *inter vivos* tal-assi provenjenti minn wirt. Ghalhekk iz-zewg tipi ta' imposti huma ghal kollox differenti wahda mill-ohra, mahduma fuq metodu divers u jservu ghan ekonomiku u fiskali differenti u ghalhekk ma jista' jsir ebda konfront bejniethom.

In kwantu ghat-taxxa ta' 12% li, bhat-taxxa massima ta' 35% fuq qligh kapitali, giet introdotta prospettivament ghat-trasferimenti kolpiti bir-regime fiskali gdid, u cioe` mid-data li gie introdott ir-regime fiskali l-gdid 'l quddiem, din ma tistax titqies in izolament b'semplici konfront bejn cifra ta' rata ma' cifra ta' rata ohra. Dan ghaliex dak li nbidel ma kienx semplicement ir-rata tat-taxxa izda l-kwadru legali shih tar-regime fiskali applikabbli. Kif inghad ir-rata ta' 35% kienet imposta fuq id-differenza bejn il-valur jew prezz ddikjarat fil-kuntratt li bih l-assi gie akkwistat (fil-kaz odjern fuq il-valur tal-assi stabbilit fil-kuntratt li fih gew dikjarati l-assi provenjenti minn wirt, u cioe` *causa mortis*) u l-prezz li bih l-istess assi gie eventwalment trasferit. Min-naha l-ohra r-rata ta' 12% kienet giet imposta fuq il-prezz shih tal-assi trasferit. Il-komparazzjoni li jippruvaw jaghmlu l-appellanti, ghalhekk, hawn ukoll ma tregix.

Fi kwalunkwe kaz, l-appellanti naqsu milli juru li persuni fl-istess pozizzjoni li kienu huma jew li kienu f'sitwazzjoni analoga ghal taghhom meta ghamlu t-trasferiment tal-proprjeta` taghhom gew trattati b'mod divers jew ahjar minnhom. Il-fatt li persuni ohra li t-trasferimenti taghhom saru fi zmien qabel jew wara tal-appellanti setghu gew

avvantaggjati mir-regime fiskali differenti applikabbli ghal dawk it-trasferimenti ma hux bizzejjed biex wiehed jikkonkludi li kien hemm diskriminazzjoni fil-konfront tal-appellanti li ghalihom kien japplika regime fiskali differenti fi zmien differenti ghaliex f'dawk ic-cirkostanzi ma jistax jinghad li l-appellanti kienu f'sitwazzjoni analoga ghal dik tal persuni l-ohra.

Inoltre l-iStat necessarjament ghandu latitudini pjuttost wiesgha dwar in-natura tal-imposti jew taxxi li jista' jidhirlu necessarju li jimponi minn zmien ghal zmien skont l-apprezzament li jaghmlu l-awtoritajiet kompetenti tal-esigenzi politici ekonomici u socjali tal-pajjiz[8].

Ghar-ragunijiet premessi l-Qorti ma ssibx li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni meta abbinat mal-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell interpost mill-appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[8] Gasus Dosier and Fordertechnik Gmbh v. Netherlands, 23 Frar 1995, § 60, National and Provincial Building Society, the Leeds Permanent Building Society and the Yorkshire Building Society v. UK, 23 Ottubru 1997, § 80-82; ECHR Belmonte v. Italy, 16 Marzu 2010, §41.